# PRIM’AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**

**ONOR. DR DAVID SCICLUNA LL.D. MAG. JUR. (EUR. LAW)**

**Seduta ta’ nhar l-Erbgha, 22 ta’ Mejju 2002**

**Numru 29**

**Rikors numru 490/91 DS**

Louis Camilleri bhala mandatarju specjali ghan-nom u in rapprezentanza tal-assenti Ferdinando Califano

vs

Kontrollur tad-Dwana

Illum, 22 ta' Mejju 2002

Il-Qorti,

Rat ir-rikors ipprezentat fl-10 ta' Mejju 1991 li permezz tieghu r-rikorrent nomine wara li ppremetta:

Illi fit-13 ta' Marzu 1991 giet maqbuda  mill-pussess tieghu karrozza BMW 520 I Registrazzjoni numru S A 800221.

Illi sussegwentement, u precis fl-1 ta' April 1991 huwa irceva "nota ta' qbid" numru 18/1991 (hawn annessa bhala Dok. A) riferibbilment ghal dik il-karrozza;

Illi r-rikorrent, permezz ta' ittra lill-Kontrollur tad-Dwana in data 12 ta' April 1991 (Dokument "B" u "C") ta' debitu avviz lill-istess Kontrollur tad-Dwana illi huwa kien bi hsiebu jitlob lura l-karrozza maqbuda imsemmija fl-stess "Nota ta' Qbid".

Illi, kif ser jirrizulta waqt it-trattazzjoni, ir-rikorrent kien wasal Malta bil-BMW nhar il-Gimgha, 25 ta' Jannar 1991 u wara li saru l-proceduri normali, huwa nghata T.I.T. ghal tlett ijiem

Illi r-rikorrent nomine huwa ta' nazzjonalita taljana u l-karti li huwa ffirma ghall-importazzjoni ta' dina l-karrozza kienu kollha bl-ingliz, l-ebda wiehed mill-ufficjali li kienu prezenti ma fehmu x'kien qed jiffirma u lanqas ma spjegawlu illi din it-T.I.T. kienet valida biss ghal tliet ijiem .

Illi huwa ma giex mistoqsi jipproduci r-return ticket tieghu, (li fil-fatt ma kellux) ghal mhux aktar minn tlett ijiem wara, u allura ghall-Hadd, 27 ta' Jannar 1991, u lanqas ma stampawlu l-Passaport.

Illi r-rikorrent kien taht l-impressjoni illi huwa setgha joqghod Malta ghall-mill-inqas tliet xhur;

Illi fil-fatt, ir-rikorrenti baqa' Malta sal-1 ta' Frar, 1991, meta huwa rega telaq minn Malta wara li kien informa kemm lill-ufficjali tad-Dwana, kif ukoll lill-Pulizija illi huwa kien ser jivvjagga barra minn Malta u jhalli l-karrozza hawnhekk go garage, kif fil-fatt kienet sa minn mindu gabha Malta fi Frar.

Illi din il-karrozza, meta waslet Malta, kienet ga mibjuha u kienet “in transit” ghall-Middle East fejn joqghod min kien ga xtraha u din kienet qed tinzamm ghal xi ftit zmien hawn Malta peress illi x-xerrej kien Musulman u ma riedtx jiehu kunsenja taghha waqt ir-Ramadan.  Kien hemm possibilita ukoll illi x-xerrej kien ser jivjagga ghal Malta huwa stess wara r-Ramadan biex jiehu konsenja tal-karrozza minn hawn;

Illi kif jirrizulta waqt it-trattazzjoni ta’ dan ir-rikors, ir-rikorrent agixxa in buona fede u li fil-fatt gie zvijat mill-awtoritajiet koncernati.

talab li din il-Qorti  tordna lill-intimat jirrilaxxja l-karrozza imsemmija fin-Nota ta’ Qbid numru 18/1991 u cioe’ BMW 520 I Registrazzjoni numru SA 800221 favur tieghu u dan a tenur tal-artikolu 72 tal-Kap 37 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Rat ir-risposta ta’ l-intimat fejn qal:

1. Illi huwa jirrespingi bhala nfondati t-talbet tar-rikorrenti fir-rikors odjern stante li dawn huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u dan kif ser jigi pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

2. Illi huwa m’ghandux ibati spejjez.

Rat id-digriet tat-30 ta' Mejju 1991 fejn gie nominat Joseph Zammit bhala perit tekniku biex jaghmel stima u survey;

Rat ir-relazzjoni debitament mahlufa fis-seduta tat-22 ta' Jannar 1992;

Rat id-digriet tat-22 ta' Jannar 1992 li permezz tieghu r-rikors numru 493/91 gie rikjamat biex jinstema' kontestwalment ma' dan ir-rikors;

Rat id-digriet tas-17 ta' Gunju 1992 fejn gie nominat l-assistent gudizzjarju Dr. Saviour Demicoli biex, *inter alia,* jircievi x-xhieda;

Rat id-digriet ta' l-4 ta' Ottubru 1993 (fl-atti tar-rikors numru 493/91) fejn gie nominat l-Avukat Dottor Simon Micallef Stafrace bhala perit legali biex ifittex u jirrelata dwar il-fondatezza tad-domandi attrici, wara li jiehu konjizzjoni ta' l-eccezzjonijiet, u jaghmel l-osservazzjonijiet kollha li ghandhom x'jaqsmu mal-kaz;

Rat ir-relazzjoni (fl-atti tar-rikors numru 493/91)debitament mahlufa fit-3 ta' Mejju 1999;

Rat il-verbali kollha tax-xhieda (fl-atti tar-rikors numru 493/91), l-atti l-ohra ta' dan ir-rikors u dawk tar-rikors numru 493/91, kif ukoll id-dokumenti esibiti;

Ikkunsidrat illi:-

Dan ir-rikors qieghed isir sabiex tigi rilaxxata karrozza BMW 520I bin-numru ta' registrazzjoni SA 800221 favur ir-rikorrent nomine wara li din giet maqbuda mill-intimat fit-13 ta' Marzu 1991 permezz tan-nota ta' qbid numru 18/1991 (Dok. A a fol. 4).

Jirrizulta li r-rikorrent Louis Camilleri u certu Ferdinando Califano fil-25 ta' Jannar 1991 dahhlu Malta l-karrozza msemmija taht *temporary permit* ta' tlett ijiem, ghalkemm Califano jsostni li huwa kien talab permess ghal *"tre mesi"*. Difatti l-ilmenti principali ta' Califano kif jirrizultaw mill-affidavit tieghu huma li hu ma tantx jifhem bl-Ingliz, li l-formula li ffirma kienet bl-Ingliz u hu ma jafx jaqra bl-Ingliz u ghalhekk kien taht l-impressjoni li kien iffirma ghal tliet xhur, u li meta gie biex jitlaq minn Malta wara aktar minn tlett ijiem mar ma' Louis Camilleri ghand id-Dwana u ghand il-Pulizija biex jitlob permess ihalli l-karrozza ghand l-istess Camilleri u liema permess inghata. Huwa qal li din il-karrozza kienet intenzjonata ghal kompratur li joqghod *"nel paese del est"*.

Fir-relazzjoni tieghu l-perit legali jikkonkludi li tenut kont tal-fatti partikolari tal-kaz, u cioe` li Califano huwa Taljan u b'hekk ma setax jifhem dak li gie

minnu ffirmat, huwa tal-fehma li dak li gie soffermat minn Califano probabilment gara. B'dan mhux qed jistqarr li d-Dwana mxew hazin izda li kien hemm nuqqas ta' komunikazzjoni li ghalih m'ghandux ibati r-rikorrent. Fil-fehma tieghu, il-fakolta` moghtija bil-ligi lill-intimat giet uzata hazin ghax ma kien hemm ebda raguni li ghaliha ma kellux jitwemmen Califano li wara kollox dahal Malta bit-tieni karrozza bla ebda habi u bla ebda tentattiv biex ikopri l-passi tieghu jew b'xi mod ifixkel l-operat tad-Dwana.

Il-Qorti ma taqbilx mal-konkluzjoni tal-perit legali peress li l-applikazzjoni tar-regoli u ligi tad-Dwana mhijiex xi haga fakoltattiva u kieku kellha tigi accettata nkunu qeghdin niskartaw ghal kollox il-principju msemmi minnu stess li *ignorantia legis neminem excusat*.

Louis Camilleri jafferma fix-xhieda tieghu li huwa qal lil Califano biex jitlob perijodu ta' tliet xhur ghall-BMW izda jammetti li ma dahalx mieghu quddiem l-ufficjal tad-Dwana ghall-permess. Ir-rikorrent nomine pproduca lil certu Emanuel Bezzina biex jixhed dwar l-okkazjoni meta ddahhlet il-BMW. Fil-fehma tal-Qorti pero` x-xhieda ta' dan Bezzina hija kontradittorja u ma tistax tittiehed bhala korroborazzjoni ta' dak li qed jallegaw ir-rikorrent nomine u Califano stess.

Dato non concesso li Califano talab permess ghal tliet xhur u l-ufficjal tad-Dwana nizzel tlett ijiem (l-ufficjal tad-Dwana koncernat, Arnold Grima, xehed fis-seduta peritali ta' l-1 ta' Lulju 1996 li jifhem bit-Taljan), stante li ma kienx jifhem bl-Ingliz l-inqas haga li seta' jaghmel kien li jinforma ruhu sew dwar il-kontenut tal-formula (it-TIT) li ffirma, formula li ma tipprekludix li t-turist jitlob estenzjoni tal-perijodu hemm imsemmi, anzi fiha stess insibu riferenza ghal *"such date as may be allowed by the Comptroller of Customs upon my written request for an extension"*.

Allura Califano, li kien akkompanjat minn Camilleri (hlief ghal dak il-mument li dahal hdejn l-ufficjal tad-Dwana ghall-permess) ma hassx il-htiega li, jekk ma jitlobx lill-ufficjal tad-Dwana biex ifehmu l-kontenut tal-formula, almenu jsaqsi lil siehbu Camilleri biex ifehmu l-kontenut tieghu? Id-difiza ta' Califano dwar il-problema tal-lingwa hija fil-fehma tal-Qorti ferm dghajfa. Jirrizulta li huwa nghata kopja tal-permess. Possibbli allura li qabel ma ffirma l-formula msemmija, ghajnu ma ghokritux mid-data ndikata fiha tat-28 ta' Jannar 1991? Bl-iffirmar ta' l-imsemmija formula kien qieghed jassumi fuqu r-responsabbilta` ghall-kontenut taghha galadarba ma jirrizultax li ghamel kull ma seta' biex ikun cert li fehem il-kontenut taghha u l-effetti taghha. In-nuqqas ta' Califano jista' jitqies biss bhala traskuragni grossolana u ma jistax jattribwixxi n-nuqqas tieghu lill-ufficjali tad-Dwana.

Kemm Camilleri kif ukoll Califano qalu li qabel ma siefer Califano talbu lill-Pulizija u lid-Dwana permess biex il-BMW tithalla hawn Malta, u li dan il-permess inghata. Izda ma ngabet l-ebda prova dokumentarja f'dan is-sens u lanqas xhieda biex jikkorroboraw li nghata tali permess.

Kemm Camilleri kif ukoll Califano qalu li din il-karrozza kif ukoll il-Mercedes li ddahhlet fil- 5 ta' Marzu 1991 kienu ntenzjonati ghal kompratur fil-Middle East. Izda l-Qorti ma tistax ma tinnotax li ma ngabet l-ebda prova da parti tar-rikorrent nomine dwar xi preparamenti kien lehaq ghamel biex jixxippja z-zewg karrozzi bhal ma ngabet l-ebda prova ta' min seta' kien id-destinatarju ahhari ta' l-imsemmijin karrozzi. Louis Camilleri xehed li meta gabu l-Mercedes kellhom bzonn biss sebat ijiem sakemm jigu xxippjati l-karrozzi. Fit-13 ta' Marzu 1991 iz-zewg karrozzi kienu ghadhom Malta go garaxx. B'liema vapur kellhom jitilqu? X'dokumentazzjoni kienet thejjiet ghall-ixxippjar taghhom?

F'dawn ic-cirkostanzi l-Qorti ma tistax tqis it-talba tar-rikorrent nomine bhala gustifikata.

Ghal dawn il-motivi:-

Tiddeciedi billi tichad it-talba. Bl-ispejjez kontra r-rikorrent nomine.

Onor. Imhallef

Dr. David Scicluna D/Registratur